MALTA

# QORTI KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Numru 882/2003

**Il-Pulizija Spettur Joseph Mercieca**
**vs**
**Michael Zarb**

**Sentenza:-**

Il-Qorti: Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Michael Zarb, ta’ 35 sena iben Joseph u Agnes nee’ Attard mwieled Pieta’ fid-9 ta’ Dicembru, 1967 u joqghod Marita, Nru. 66 Triq il-Vittorja, Birkirkara I.D. 18768-M.

Akkuzat talli:

(1) f’Bugibba fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Ottubru, 2003 volontarjament hasar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg hadd iehor cioe’ karozza tal-marka Yugu Numru tar-registrazzjoni KAQ 331 liema hsara ma tiskorrix l-hames mitt lira maltija ghad-dannu ta’ Simon Vella
(2) f’Selmun limiti ta’ Rabat fis-16 ta’ Ottubru, 2003 ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart

volontarjament hasart, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg hadd iehor cioe' sett tyres ta' karozza Yugu Numru tar-registrazzjoni KAQ 331 liema hsara ma tiskorrix l-hamsin lira maltija ghad-dannu ta' Simon Vella;

(3) f'Bugibba fis-17 ta' Awissu 2003 ghall-habta tas-sitta u nofs volontarjament hasart, ghamilt hsara jew gharaqt hwejjeg hadd iehor cioe' karozza tal-marka Morris Marina Numru tar-registrazzjoni JPO 37 liema hsara ma tiskorrix l-hames mitt lira maltija ghad-dannu ta' Simon Vella

(4) fil-Qawra fil-lejl tas-16 ta' 2003 volontarjament hasart, ghamilt hsara jew gharaqt hwejjeg hadd iehor cioe' karozza tal-marka Morris Marina Numru tar-registrazzjoni JPO 37 liema hsara ma tiskorrix l-hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Simon Vella

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htieja tipprovdi lil Simon Vella al terminu ta' l-artiklu 383 u 384 tal-Kap 9

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha kif ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat, dan inghata zmien bizzejjed biex jerga jahsiba izda xorta ma bidilx fehmtu dwar l-ammissjoni hux hekk.

Il-Qorti rat li l-imputat lest li jhallas id-danni kollha sofferti minn Simon Vella illi jammontaw ghall-erba' mija u seba' u tmenin lira maltija (Lm487) kif iccertifika Simon Vella nnifsu.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fatt li huwa lest li jhallas id-danni kollha u li kopera ma' l-pulizija ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artiklu 325 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputat hati u qed tikkundanah ghal seba' xhur habs prigunerija sospizi ghal sena mil-llum.

Il-Qorti qed tordna wkoll lill-imputat li ma javvicinax lill-Simon Vella ta' 29 Presiosi Street, Lija ghal zmien sena mil-lum u jekk jonqos minn din l-obbligazzjoni jhallas penali ta' mitt lira maltija (Lm100).

MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------